**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 112/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech**
**Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Sacid Mohamed Abdillahi**
**(ID 121228(A))**

**Illum, 27 ta' Novembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sacid Mohamed Abdillahi ta' 21 sena, iben Mohammed u Amina nee` Abulai Mohammed, imwieled Somalia fl-1 ta' Jannar 1996, residenti gewwa 38, Triq il-Bahhara, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 121228(A);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Awwissu 2017 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Awwissu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis illi l-ammissjoni tal-imputat f'dan il-kaz certament li ma kinitx wahda bikrija, tant li nstemghu hafna mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni sakemm giet registrata din l-ammissjoni u in oltre illi ma jistax jinghad illi l-

imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset in oltre ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll l-ammont ta' droga in kwistjoni, ossia pjanta tal-*cannabis* li, skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Professur Manwel Sinagra, kien jikkonsisti f'piz nett ta' 5.3 grammi, b'purita` ta' cirka 6% u li tali ammont kien maqsum f'tnax-il qartas. Ikkunsidrat ukoll illi f'dan il-kaz, ir-reat ta' pussess aggravat (l-ewwel imputazzjoni) huwa aggravat ulterjorment bid-distanza ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, il-piena dwar dan ir-reat ghandha tizdied bi grad.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputat li, fiz-zmien tal-kaz odjern, kienet wahda netta.

Dwar is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena fis-sens illi ghandu jservi bhala xi forma ta' attenwant il-fatt illi l-imputat offra d-droga lill-pulizija u li per konsegwenza ffacilita l-invesigazzjoni taghha stante li jista' jinghad li nqabad *in flagrante delicto*, il-Qorti m'ghandhiex wisq xi tghid hlief illi ma tarax kif dan ghandu jservi bhala xi forma ta' attenwant. Bl-istess mod, lanqas tqis illi ghandu jservi bhala fattur li jimmitiga l-piena, il-fatt illi l-imputat gej minn kultura diversa jew l-isfond li minnu gie f'pajjizna, lanqas illi l-faqar, li jsibu ruhhom fih persuni bhalu, iwassal sabiex jitwettqu dawn l-atti kriminali. Tqis ukoll illi fi kwalunkwe kaz, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi huwa kellu mpjieg regolari ghalkemm ma jidhirx li dan kien regolarizzat.

Ikkunsidrat ukoll illi stante li mill-provi prodotti ma jirrizultax, fil-grad rikjest mil-ligi, illi s-somma ta' hmistax-il ewro misjuba fil-pussess tal-imputat kienet gejja mill-bejgh tad-droga u lanqas illi l-*mobile* fil-pussess tieghu intuza minnu ghall-bejgh tad-droga, anke ghaliex ma giex nominat espert sabiex inizzel il-kontenut tal-istess, il-Qorti qed tordna r-rilaxx tal-istess favur il-hati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht

arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza u multa ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas nofs[1] l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz ossia nofs l-ispejjez rizultanti mill-hatra tal-espert Xjenzat Professur Manwel Sinagra, ammontanti tali porzjon ghas-somma ta' mija u sittax-il ewro, tlieta u erbghin centezmu (€116.43).

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* tal-marka HTC, esebit bhala Dokument LBX1 u tal-kartiera kontenenti s-somma ta' hmistax-il ewro (€15), esebita bhala Dokument LBX2, favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[1] Il-Qorti qed talloka nofs l-ispejjez lill-hati stante illi l-inkjesta in kwistjoni kienet tinvolvi wkoll terza persuna.